# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum il-21 ta' Jannar 2020**

Appell numru 153 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Maria Carmela ZAMMIT**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell ta' Peter Zammit minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-7 ta' Mejju 2019 fil-konfront ta' Maria Carmela ZAMMIT, karta tal-identità bin-numru 521957M li ġiet mixlija:

   Talli fid-9 ta' Novembru 2016, għall-ħabta tal- 17:10hrs, nhar it-18 ta' Ottubru 2016 għall-ħabta tal-10.00AM, nhar il-11 ta' Ottubru 2016 għall-ħabta tad-21:00hrs, nhar il-05 ta'Ottubru 2016 għall-ħabta tas-06.00hrs u nhar it-03 ta' Ottubru 2016 għall-ħabta tad-21:15hrs ġewwa l-fond 24, Arc-En-Ciel, Triq Agnese Schembri, Birkirkara;

1. Mingħajr il-ħsieb li tisraq jew tagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biex teżerċita dritt li tippretendi li għandha ġiegħelt bl-awtorita' tagħha nnifisha lil Philip Grech iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixklet lil Peter Zammit fil-pussess ta' ħwejjġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi ndaħlet fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor.

2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' kommunikazzjoni elettronika jew biex immalfamat lil Peter Żammit, jew xi persuni oħra, għamlet użu ieħor mhux xieraq bih.

3. Bl-imġieba tagħha, ikkaġunat lil Peter Żammit jibża' li se tintuża vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tiegħu.

4. Bil-ħsieb li tkisser jew li tħassar il-ġieħ ta' Peter Żammit, weġġħatu bi kliem, ġesti, kitba jew b'disinji jew b'xi mod ieħor.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Maria Carmela ZAMMIT, stqarret is-segwenti:

> Semgħet il-provi.
>
> Ikkunsidrat:
>
> Illi rigward l-ewwel (1) akkuża ma ġietx ippruvata u dan stante li l-verżjoni tal-akkużata kienet waħda konsistenti u ċara.
>
> Illi rigward it-tieni (2) akkuża tapplika l-proviso tal-Artikolu 49 tal-Kap. 399 u għalhekk ma tistax tinstab ħatja.
>
> Illi rigward ir-raba (4) akkuża stante li l-Artikolu 252 tal-Kap. 9 ġie revokat tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

Kien għal dawn il-motivi l-Qorti illiberat lill-imputata Maria Carmela Zammit mill-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkużi kif

dedotti kontriha, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' (4) akkuża fuq nuqqas ta' provi.

3. Illi minn din is-sentenza Peter Zammit, li kien ikkostitwixxa ruħu parte civile f'dik il-kawża, interpona appell permezz ta' rikors datat 23 ta' Mejju 2019 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha:

> Tirriforma, tvarja u tidbel is-sentenza appellata u dan billi tħassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza li fiha l-imputata ġiet liberata mill-akkużi miġjuba fil-konfront tagħha u minflok tgaħddi biex issib l-imputata ħatja tal-ewwel u t-tielet akkużi miġjuba kontriha filwaqt i tagħmel l-ordni ukoll taħt l-art, 377 (3) għar-ripristinazzjoni u għat-tneħħija tal-inkonvenjent.

Dan wara li saħaq is-segwenti:

> **L-ewwel aggravju - Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti applikat ħażin ir-rekwiżiti tar-reat tar-Ragion Fattasi u ma setgħet qatt tgħaddi biex tillibera lill-imputata għab-bażi tal-provi li ġew prodotti f'din il-kawża.**
>
> Illi bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta, l-elementi kostituttivi tar-reat ta' *"ragion fattasi"* taħt –art 85. Tal-Kodiċi Kriminali huma erbgħa u cioe':-
>
> (a) att estern li jispolja lil xi ħadd min xi ħaġa li tkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppożizzjoni, espressa jew preżunta, ta' dan il-ħadd ieħor;
> (b) il-kredenza li l-att qed isir b'eżerċizzju ta' dritt;
> (c) il-koxjenza fl-agent li hu qiegħed jagħmel *"di privato braccio"* dak li jmissu jsir permezz tal-awtoriata pubblika: u
> (d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (Ara. App. Krim. Il-Pulizija vs. Carmel magħruf bħal Charles Farrugia. (17.2.95), Il-Pulizija vs. Reno Micallef (6.6.95), Il-Pulizija vs. Guido Attard (18.6.2001) u oħrajn.
>
> L-Ewwel Qorti m'għamlet l-ebda riferenza għal dawn il-kriterji, madanakollu jiġi sottomess umilment li kieku dawn ġew applikati kif suppost għal dan il-każ, dawn kienu kollha ser jirriżultaw, u għalhekk ma kien ser jkun hemm l-ebda raġuni għaliex l-imputata kellha tiġi liberata mill-akkużi dedotti kontriha. Fil-fatt jeżistu l-esternazzjoni tal-att billi l-imputata waqqfet lill-esponenti milli jidħol f'dahru. Dan għamlitu għax

ħasbet li kellha xi jedd li żżommu l-barra minn daru. Bħal ma ingħad, jekk xejn, dan seta' jsir biss b'digriet appożitu mill-Qorti tal-familja.
Jiġi għalhekk umilment li dinil-Qorti għandha tasal għall-konklużżjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment tasal għall- konklużżjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konklużżjoni (ara f'danis-sens "inter alia" l-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." (12.5.94); "Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi " (14.2.1989); Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" (31.5.1991); "Il-Pulizija vs. Anthony Żammit" (31.5.1991) u oħrajn.

Għalhekk jiġi sottomess li din il-Qorti tara fuq il-provi rakkolti, l-Ewwel Qorti ma setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużżjoni li tillibera lill-imputata kif għamlet.

**It-tieni aggravju – Illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma messhiex injorat daqstant faċilment il-fatt li d-dikjarazzjonijiet u kienu saru mill-imputata ikkaġunaw biża li ser tintuża vjolenza fil-konfront tal-kwerelant.**

Illi bħal ma ngħad qabel, l-imputata minn jeddha kkonfermat, meta mill-Pulizija illi din kienet heddet lill-kwerelant li kienet ser tagħmel offiża ta' natura serjissima fuq il-persuna tal-kwerelant.

Illi dan il-fatt ma ġiex ikkontestat bl-ebda mod u manjiera mill-imputata.

Illi minkejja dan, u forsi għaliex l-esponenti hu raġel li l-istatura tiegħu hija ħafna ikbar minn dik tal-imputata, dehrilha illi ma kienx ser jkun possibbli li l-imputata tissuxxita biża li ser tuża vjolenza fil-konfront tal-kwerelant.

Illi bid-dovut rispett, l-imputata heddet li ser tagħmel l-offiża gravissima li heddet li ser tagħmel waqt li l-imputat jkun rieqet bil-lejl, f'kamartu. Din t-thedida ġiet ikkonfermata li saret saħansitra mill-kwerelant nnifsu bil-ġurament tiegħu. Ma sarlu l-ebda kontroeżami dwar dan il-punt.

Għaldaqstant, diffiċilment wieħed jifhem kif l-ewwel Onorabbli Qorti injorat għal kollox il-provi li tressqu f'dan is-sens u għaddiet biex tillibera lill-imputata minn din l-akkuża ukoll.

2. Illi rat ir-risposta imresqa għal dan l-appell minn Maria Carmela ZAMMIT datata 9 ta' Settembru 2019 fejn saħaq li :

   a. L-appell kien null stante li Peter Zammit ma kienx parti fil-kawża imma kien parte civile u xehed u b'hekk ma setgħax jintavola dan l-appell;

b. Li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kienet valida u tajba u kellha tiġi konfermata;
c. li dik il-Qorti kienet għamlet apprezzament korrett tal-provi u waslet għal konklużjonijiet tagħha skont il-liġi.

3. Semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell u rat l-atti u d-dokumenti kollha.

***Ikkunsidrat:***

4. Illi dan huwa każ fejn l-appell qiegħed jiġi interpost minn Peter Zammit, li mill-atti jidher li kien ġie ammess mill-Qorti bħala *parte civile*.

5. Illi skont il-Liġi u l-ġurisprudenza Maltija biex appell mill-***kwerelant*** jirnexxi jeħtieġ li jkun jissodisfa diversi kriterji fosthom meta : -
   a. Ir-reat ikun ta' kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, jiġifieri jkun jinkwadra fil-parametri tal-artikolu 370(1) moqri flimkien mal-artikolu 373 tal-Kodiċi Kriminali;
   b. L-azzjoni kriminali relattiva għar-reat in specie ma tkunx tista' titmexxa ħlief bil-kwerela tal-parti leża;
   c. Il-prosekuzzjoni tal-kawża titmexxa mill-parti leża stess ai termini tal-artikolu 374 tal-Kodiċi Kriminali, ċjoe billi s-sentenza tal-Qorti tingħata fil-konfront tal-kwerelant, ossija l-parti leża u fil-konfront tal-kwerelat. Mill-okkju tas-sentenza ikun jirriżulta li l-proċedura tkun tmexxiet fil-forma "*privata*" jiġifieri billi l-partijiet fil-kawża jkunu jidhru li huma il-kwerelant u l-appellat,

a differenza ta' proċediment *ex officio* fejn il-partijiet fil-kawża jkunu ***Il-Pulizija*** kontra l-kwerelat.

d. Imbagħad naturalment, jekk dawn il-kriterja jiġu lkoll soddisfatti, trid tiġi invokata almenu waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 413(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali bħala l-bażi legali għall-appell de quo.[1]

6. Illi dawn huma rekwiżiti kumulattivi. Il-Qorti tagħmel referenza għall-appell kriminali deċiż fil-25 ta' Jannar 2008 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Bugeja*** fejn kien hemm ċirkostanza analoga għal dik misjuba f'dan il-każ, u fejn dik il-Qorti rriteniet is-segwenti:

> Illi f'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni inbdiet b'tahrika ta' kawza tal-Pulizija u mhux b'tahrika ta' kawza privata, u l-azzjoni tmexxiet, kif kellha effettivament titmexxa trattandosi ta' reat li ma jirrikjedix il-kwerela tal-parti privata ghall-prosekuzzjoni tieghu, mill-bidu sa l-ahhar mill-Pulizija Ezekuttiva – kif del resto jixhed l-"occhio" tal-kawza – **Il-Pulizija v. Joseph Bugeja**. Isegwi, ghalhekk, li dan il-kaz ma jinkwadrax fl-ewwel parti ta' l-Artikoli 373 tal-Kodici Kriminali li ghalih jirreferi l-Artikolu 413(1)(b) ta' l-istess Kodici fejn si tratta ta' l-appell intavolat mill-kwerelant. Fi kliem iehor f'dan il-kaz, seta jappella biss l-Avukat Generali u mhux ukoll il-kwerelanti. Din, cioe` l-kwerelanti, setghet biss se mai taghmel it-talba skond l-Artikolu 414(1) ghalbiex l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali biex dan – l-Avukat Generali – jikkunsidra kellux jappella. Mhux car jekk tali talba saritx. Pero` jibqa' l-fatt li l-appellanti Miriam Bugeja zgur li ma setghetx tappella kif effettivament ghamlet.

7. Konsegwentement, f'dawn iċ-ċirkostanzi analogi, il-proċedura li kellha tiġi segwita kienet dik kif ipprospettata fl-appell kriminali ***Bugeja*** fejn semmai, kellu jkun l-Avukat Ġenerali li jintavola l-appell jekk dan kien iħoss li kien hemm lok t'appell mis-sentenza

[1] Ara f'dan is-sens l-appelli kriminali fl-ismijiet : - ***Il-Pulizija vs Alfred Vella***, 24 ta' Frar 2000; ***Il-Pulizija vs. Joseph Bugeja***, 25 ta' Jannar 2008; ***Il-Pulizija vs Jacqueline Leonard***, 21 ta' Jannar 2011, ***Il-Pulizija vs Robert Forace***, 8 ta' Mejju 2013; ***Il-Pulizija vs. Jimmy Bonnici et***, 17 t'Ottubru 2013; ***Il-Pulizija vs Teresa Mifsud***, 6 ta' Frar 2015; ***Il-Pulizija vs Darren Grima***, 28 ta' Frar 2018; ***Il-Pulizija vs Martin Vella***, 12 ta' Marzu 2019; u ***Il-Pulizija vs Ritchel Musa Lotino Borg***, 16 ta' Lulju 2019 fost oħrajn.

de quo. Il-parte civile jirriżulta minn fol 70 li għamel rikors biex wara s-sentenza liberatorja tal-Qorti tal-Maġistrati l-atti jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali. Hekk jirriżulta li sar u jirriżulta wkoll li dan ħa d-deċiżjoni tiegħu li ma jinterponix appell, kif jirriżulta min-notament miktub fuq l-ewwel paġna tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mill-Avukat Dott. Nadia Attard fejn fil-21 ta' Mejju 2019 kristallizzat id-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma jappellax minn dik is-sentenza. Fl-istat tal-Liġi attwali, dik id-deċiżjoni, issiġillata b'dik il-firma, tagħlaq il-każ hemm.

# ***Deċide***

Għaldaqstant il-Qorti tiddikjara r-rikors imressaq minn Peter Zammit aktar il-fuq imsemmi bħala irritu u null u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***